L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Minuti

Laqgha tal-Kabinett Nru.8

Kastilja, 23 ta' Dicembru, 1976,
fit-8.00 p.m.

Prezenti:

Il-Ministri kollha.

Prezenti wkoll:-

Dr Anton Buttigieg
Dr Joseph Brincat
Dr Edgar Mizzi
Is-Sur Joe Borg
Is-Sur George Agius
Is-Sur Joe Attard Kingswell

Minuti

Il-Ministri approvaw il-minuti tal-laqgha Nru. 7.

Il-Prim Ministru qal illi l-ghan tal-laqgha kienet (1) biex niflu bir-reqqa dik il-parti tad-diskors tal-President li tirreferi ghal-hala; (2) biex nissuggerixxu x'mizuri ghandhom jittiehdu biex din il-hala tinqata'; w (3) biex niflu flimkien l-implikazzjonijiet taz-zidiet proposti mill-pajjizi tal-OPEC fuq iz-zejt.

Gie deciz illi biex l-mizuri li jridu jittiehdu ma ndahhluhomx meta jkollna "unemployment" kbir, il-Ministri ghandhom jiehdu hsieb jimlew l-"vacancies" li ghandhom specjalment fil-fabbriki ecc. Irridu ghalhekk insibu ideat godda biex insibu min issa sa Marzu 1979 xoghol aktar produttiv - isir sforz bizzejjed biex noholqu dawn il-postijiet. Din il-parti jehtiegilha importanza akbar - hemm bzonn li naffermaw id-determinazzjoni taghna li dan il-punt naghtuh akbar importanza.

/Ghaldaqstant ....

~~Ghaldaqstant~~ Gie deciz illi l-mizuri li hemm bzonn jittiehdu jigu mdahhla b'mod li jkunu mifruxin bl-anqas tbatija. Ghaldaqstant ghandu jsir sforz biex fejn hemm dewmien burokratiku li qed jzomm lura l-bini ta' fabbriki jew l-ingagg ta' nies, dan ghandu jintemm. Certi mizuri ghandhom ghalhekk jidhlu immedjatament biex sa zmien il-Budget il Ministri jkollhom idea aktar cara ta' liema setturi intlaqtu l-aktar u jkun jista jsir rimedju fil-Budget li ghandu jghaddi kmieni kemm jista jkun, possibilment qabel l-l ta' Marzu, 1977.

Mizuri li sejrin jittiehdu :-

Il Ministri qablu li jrid jkun hemm:

(a) zidiet fil prezz - il-prezz ekonomiku - tal-pitrolju, diesel, tat-telefon u tal-gas. Il-petrol imma ma joghliex;

(b) tnaqqis fir-razzjon tal-hobz jew zieda fil prezz tieghu,

Ghaldaqstant huwa xieraq illi fil kaz tal-Old Age Pensions u tal-Unemployment u National Assistance nibdew naghtu l-ghajnuna mill-ewwel u mhux nistennew sa April.

Bonus

Gie miftiehem illi fl-ahhar gimgha tas-sena trid tittiehed decizjoni kemm sejjer ikun il-bonus ghas-sena 1977.

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA